2 ta' Diċembru, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.

**Il-Pulizija** ***versus*** **Onor. Henry Jones, M.L.A.**

**Sewqan ta' Karrozza bla Liċenza — Liċenza Ġenerali u Liċenza Speċjali — Art. 14 u 17 tal-Kap. 105 — Art. 2 tal-Att XXXIV tal-1949 — Reg. 49 tar-Regolamenti tat-Traffiku**

*Min jidħol il-Belt Valletta jsuq vettura tal-mutur bla liċenza tal-Kummissarju tal-Pulizija jiġi li saq dik il-karrozza bla liċenza, avvolja huwa kellu liċenza tas-sewqan; għax il-liċenza ġenerali ma kienetx operativa għal dak il-post. Dan il-fatt jammonta għar-reat ta' sewqan ta' motor car li ma kienetx liċenzjata, u mhux għal sempliċi ksur tar-Regolamenti tat-Traffiku.*

Il-Qorti; — Rat ir-rikors li bih l-imputat appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta tat-13 ta' Lulju 1957, u talab li jiġi liberat minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-imsemmija sentenza, li biha l-imputat ġie misjub ħati li fit-18 ta' April 1957 għamel użu minn motor car 10369 mingħajr ma kienet liċenzjata, u ġie kundannat għall-multa ta' £5;

Eżaminat l-atti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Fit-18 ta' April 1957 l-appellant daħal il-Belt isuq motor car no. 10369 li, għalkemm kellha liċenza ġenerali, ma kellhiex dik partikulari biex tidħol il-Belt kif jirrikjedi l-

art. 49 tar-Regolamenti tat-Traffiku li jiddisponi li ebda vettura bil-mutur ma għandha tidħol il-Belt mingħajr liċenza tal-Kummissarju tal-Pulizija;

L-appellant ġie misjub ħati taħt l-art. 14 tal-Kap. 105, li jikkontempla r-reat ta' min isuq motor car mingħajr liċenza, u jistabbilixxi l-piena tal-multa jew priġunerija għal mhux iżjed minn xahar;

L-appellant sostna li kien applikabbli, minflok, l-art. 17 tal-Kap. 105, li jistabbilixxi l-pieni tal-kontravvenzjonijiet, iżda ta' mhux anqas minn 5s. ammenda, għall-ksur tar-regolamenti maħruġa taħt l-art. 16 tal-imsemmi Kap.;

Din is-sottomissjoni mhix korretta. Ir-regolament 49 fuq riferit huwa regolament normativ, fis-sens li jiddikjara n-neċessità ta' liċenza "ad hoc" biex motor car tidħol il-Belt; u b'dal-mod l-istess regolament jirrendi inoperativa għal ġo l-Belt il-liċenza ġenerali. Ir-reat ta' sewqan mingħajr liċenza huwa kostitwit bl-art. 14 tal-Kap. 105; u skond l-art. 2 tal-Att XXXIV tal-1949, "liċenza" tinkludi permess li taħt kull Att, Ordinanza jew Regolament hija meħtieġa mill-Kummissarju tal-Pulizija;

Meta l-appellant daħal il-Belt b'motor car li ma kellhiex il-liċenza partikularment meħtieġa għal din il-lokalità, huwa saq motor car mingħajr liċenza. Il-liċenza ġenerali li kellha l-motor car ma kienetx operativa għal dak il-post; u hekk l-appellant kiser l-art. 14 Kap. 105, li biħ, kif diġà ntqal, hu kostitwit ir-reat ta' sewqan ta' motor car li ma tkunx liċenzjata;

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

---